# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/853

## tal-31 ta' Mejju 2022

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward tal-frott tal-*Momordica charantia* L., li joriġina mill-Honduras, mill-Messiku, mis-Sri Lanka u mit-Tajlandja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4), it-tielet subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Abbażi ta' valutazzjoni preliminari tar-riskju, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 ([2]) jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2018 ([3]) jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex issir il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 42(4) tar-Regolament (UE) 2016/2031 għal dawk il-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli.

(3) Wara valutazzjoni preliminari tar-riskju, il-frott tal-*Momordica* L. li joriġina minn pajjiżi terzi jew minn żoni ta' pajjiżi terzi fejn hu magħruf li jeżisti t-*Thrips palmi* Karny u fejn hemm nuqqas ta' miżuri ta' mitigazzjoni effettivi għal dak il-pest, ġie inkluż fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 bħala pjanti ta' riskju għoli.

(4) Fit-13 ta' Novembru 2019, il-Messiku ressaq talba lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tal-frott tal-*Momordica charantia* L. Dik it-talba kienet appoġġata mid-dossier tekniku rispettiv.

(5) Fis-27 ta' Novembru 2019, il-Honduras, is-Sri Lanka u t-Tajlandja ressqu talba lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tal-frott tal-*Momordica charantia* L. It-talbiet tagħhom kienu sostnuti bid-dossier tekniku rispettiv.

(6) Fil-31 ta' Diċembru 2020, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjonijiet xjentifiċi rigward il-valutazzjoni tar-riskju ta' komodità tal-frott tal-*Momordica charantia* L. li joriġina mill-Messiku ([4]), mill-Honduras ([5]), mis-Sri Lanka ([6]) u mit-Tajlandja ([7]). It-*Thrips palmi* Karny kien l-uniku pest ta' tħassib analizzat f'dawk l-opinjonijiet. L-Awtorità evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji deskritti fid-dossiers għal dak il-pest u stmat il-probabbiltà tal-ħelsien mill-pest.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jeħtiġux ċertifikati fitosanitarji għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2018 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward il-proċedura li trid tiġi segwita sabiex issir il-valutazzjoni tar-riskju ta' pjanti b'riskju għoli, il-prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra fit-tifsira tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 7).

([4]) Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2021. Scientific Opinion on the Commodity risk assessment of Momordica charantia fruits from Mexico. EFSA Journal 2021;19(2):6398, 37 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2021.6398

([5]) Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2021. Scientific Opinion on the commodity risk assessment of Momordica charantia fruits from Honduras. EFSA Journal 2021;19(2):6395, 34 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2021.6395

([6]) Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2021. Commodity risk assessment of Momordica charantia fruits from Sri Lanka. EFSA Journal 2021;19(2):6397, 35 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2021.6397

([7]) Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2021. Scientific Opinion on the commodity risk assessment of Momordica charantia fruits from Thailand. EFSA Journal 2021;19(2):6399, 33 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2021.6399

(7) Abbażi ta' dawk l-opinjonijiet, ir-riskju fitosanitarju li jirriżulta mill-introduzzjoni tal-frott tal-*Momordica charantia* L. mill-Honduras, mill-Messiku, mis-Sri Lanka u mit-Tajlandja fl-Unjoni jista' jiġi indirizzat permezz ta' rekwiżiti fitosanitarji tal-importazzjoni sabiex jiġi żgurat li dak ir-riskju jitnaqqas għal livell aċċettabbli u jinżamm hekk. Għalhekk jenħtieġ li l-frott tal-*Momordica charantia* L. li joriġina minn dawk il-pajjiżi jitneħħa mil-lista ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019.

(8) Il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji applikati mis-Sri Lanka huma meqjusa biżżejjed biex ir-riskju fitosanitarju li jirriżulta mill-introduzzjoni fl-Unjoni tal-frott tal-*Momordica charantia* L. li joriġina minn dak il-pajjiż jinżamm f'livell aċċettabbli.

(9) Il-Kummissjoni tqis li l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji proposti mill-Honduras, mill-Messiku u mit-Tajlandja fid-dossiers mhumiex biżżejjed, fihom innifishom, biex inaqqsu r-riskju fitosanitarju li jirriżulta mill-introduzzjoni fl-Unjoni tal-frott tal-*Momordica charantia* L. li joriġina minn dawk il-pajjiżi għal livell aċċettabbli. Għalhekk jenħtieġ li l-importazzjoni fl-Unjoni tal-frott tal-*Momordica charantia* L. li joriġina minn dawk il-pajjiżi jissodisfa rekwiżiti speċifiċi tal-importazzjoni: jenħtieġ li dak il-frott joriġina minn żona ħielsa mill-pesti, jew minn sit tal-produzzjoni bi protezzjoni fiżika sħiħa, jew minn sit tal-produzzjoni fejn ikunu ttieħdu diversi miżuri dwar il-produzzjoni, it-trattament u l-ispezzjoni ta' dak il-frott.

(10) Għaldaqstant, peress li l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([8]) jelenka t-*Thrips palmi* Karny bħala pest ta' kwarantina fl-Unjoni u l-punt 71 tal-Anness VII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi rekwiżiti speċjali tal-importazzjoni għall-frott tal-*Momordica* L. li joriġina mill-pajjiżi terzi kollha, jenħtieġ li fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jiżdiedu r-rekwiżiti speċifiċi tal-importazzjoni għall-frott tal-*Momordica charantia* L. li joriġina mill-Honduras, mill-Messiku, mis-Sri Lanka u mit-Tajlandja.

(11) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) 2018/2019 u (UE) 2019/2072 jiġu emendati skont dan.

(12) Għall-konformità mal-obbligi tal-Unjoni Ewropea li jirriżultaw mill-ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji ([9]), l-importazzjoni tal-frott tal-*Momordica charantia* L. li joriġina mill-Honduras, mill-Messiku, mis-Sri Lanka u mit-Tajlandja jenħtieġ li tissokta fl-iqsar żmien possibbli. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019**

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

([9]) Il-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (il-Ftehim SPS), https://www.wto.org/english/tratop_e/sps_e/spsagr_e.htm.

*Artikolu 2*

**Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072**

L-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Mejju 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

Fit-Tabella tal-punt 3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, it-test fit-tieni kolonna, "Deskrizzjoni", huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-*Momordica* L., għajr il-frott tal-*Momordica charantia* L. li joriġina mill-Honduras, mill-Messiku, mis-Sri Lanka u mit-Tajlandja"

*ANNESS II*

L-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt 71 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | Pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra | Kodiċijiet NM | Oriġini | Rekwiżiti speċjali |
|---|---|---|---|---|
| "71 | Il-frott tal-*Momordica* L., għajr il-frott tal-*Momordica charantia* L. li joriġina mill-Honduras, mill-Messiku, mis-Sri Lanka u mit-Tajlandja | ex 0709 99 90 | Pajjiżi terzi | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-frott ikun oriġina minn:<br>(a) pajjiż rikonoxxut li hu ħieles mit-*Thrips palmi* Karny f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, dment li l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta' ħelsien minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni,<br>jew<br>(b) żona stabbilita bħala ħielsa mit-*Thrips palmi* Karny mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u dan l-istatus ta' ħelsien jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju, dment li l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta' ħelsien minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni." |

(b) Il-punt 71.1 li ġej jiddaħħal bejn il-punti 71 u 72:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "71.1 | Frott tal-*Momordica charantia* L. | ex 0709 99 90 | Il-Honduras, il-Messiku, is-Sri Lanka, u t-Tajlandja | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-frott:<br>(a) joriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mit-*Thrips palmi* Karny mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u dan l-istatus ta' ħelsien jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju, dment li l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta' ħelsien minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni,<br>jew<br>(b) joriġina minn sit ta' produzzjoni bi protezzjoni fiżika kontra t-*Thrips palmi* Karny, u immedjatament qabel l-esportazzjoni, ikun instab ħieles minn dak il-pest u/jew mis-sintomi tiegħu permezz ta' spezzjoni uffiċjali ta' kampjun rappreżentattiv, definit f'konformità mal-istandard internazzjonali ISPM31 ([1]), |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | kif ukoll<br>ikun ġie ttrattat u mballat b'modi li jevitaw l-infestazzjoni bit-*Thrips Palmi* Karny wara li joħroġ mill-post tal-produzzjoni,<br>kif ukoll<br>l-informazzjoni dwar it-traċċabilità tkun inkluża fiċ-ċertifikat fitosanitarju.<br>jew<br>(c) ikun ġie prodott skont approċċ ta' sistemi effettivi biex jiġi żgurat il-ħelsien mit-*Thrips palmi* Karny, li jinkludi mill-inqas l-issodisfar tar-rekwiżiti kollha li ġejjin:<br>(i) il-post tal-produzzjoni:<br>— ikun ġie mgħammar b'nases iwaħħlu biex jidentifikaw it-*Thrips palmi* Karny tul iċ-ċiklu ta' produzzjoni sħiħ,<br>— ikun ġie soġġett għal, mill-inqas, spezzjonijiet tliet darbiet f'ġimgħa u nstab ħieles mis-sintomi u/jew mill-pesti ta' tħassib, tul iċ-ċiklu ta' produzzjoni sħiħ; f'każ ta' suspett tal-preżenza tat-*Thrips palmi* Karny, ikunu twettqu trattamenti xierqa biex tiġi żgurata l-assenza ta' dak il-pest,<br>— ikun ġie soġġett għal kontroll effettiv tal-ħaxix ħażin biex jiġu eliminati l-ospitanti alternattivi tat-*Thrips palmi* Karny, kif ukoll<br>(ii) il-frott kien soġġett għal miżuri effettivi ta' kontroll kulturali kontra t-*Thrips palmi* Karny u l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dawn il-miżuri minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni, kif ukoll<br>(iii) il-frott maħsud ikun ġie:<br>— ittrattat u ttrasportat lejn il-kmamar tal-imballaġġ b'mod li jevita l-infestazzjoni wara li joħroġ mill-post tal-produzzjoni,<br>— xkupiljat u maħsul bl-ilma li jkun fih diżinfettant biex jiġi żgurat il-ħelsien mil-larva jew mill-adulti tat-*Thrips palmi* Karny, |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | — ittrattat u mballat b'modi li jevitaw l-infestazzjoni wara li joħroġ mill-post tal-produzzjoni,<br>— immedjatament qabel l-esportazzjoni, ikun instab ħieles mis-sintomi tat-*Thrips palmi* Karny permezz ta' spezzjoni uffiċjali ta' kampjun rappreżentattiv, definit f'konformità mal-istandard internazzjonali ISPM31,<br>(iv) l-informazzjoni dwar it-traċċabilità hija inkluża fiċ-ċertifikat fitosanitarju." |

([1]) ISPM 31. Methodologies for sampling of consignments (fao.org)